MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (KOMPETENZA KOSTITUZZJONALI)

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003

Rikors Numru. 9/2001/1

**Kummissarju ta' l-Artijiet**

**Vs**

**Ignatius Licari, bhala Likwidatur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Farr Ltd. ghall-Utile Dominju Perpetwu**

**Il-Qorti;**

Rat ir-Referenza Kostituzzjonali maghmula bi provvediment moghti mill-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet fit-13 ta' Ottubru 2000 fil-kawza (Rikors Nru. 9/98) quddiem l-istess Bord fl-ismijiet fuq indikati. Fl-interita` tieghu dan id-digriet jaqra hekk:-

Ic-Chairman tal-Bord,

Ra r-rikors in ezami li bih ir-rikorrenti wara li ppremetta:

1. Illi l-intimat gie notifikat b’ Avviz ghall-Ftehim datat 11 ta’ Novembru 1997 fejn gie infurmat li l-kumpens li l-awtorita` kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut ta’ l-Utile Dominju Perpetwu ta’ bicca art f’ San Gwann tal-kejl ta’ 1416.4 metri kwadri li tmiss mit-Tramuntana u mill-Punent ma’ proprjeta` ta’ Annunzjata Micallef *et* u minn Nofs in-Nhar ma’ proprjeta` tal-Gvern huwa ta’ disa’ mija u hamsin Lira Maltin u erbgha u tletin centezmu (Lm950.34) kif jidher mir-rapport tal-perit Fred. V. Valentino A& CE tas-16 ta’ Ottubru 1997 li kopja tieghu hija anness ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim;

2. Illi b’ ittra ufficjali ta’ l-4 ta’ Dicembru 1997 l-intimat fost affarijiet ohra jiddikjara li ma jaccettax il-kumpens offert;

Talab bir-rispett illi dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimat biex jittrasferixxi favur ir-rikorrent b’ titolu ta’ xiri assolut bhala franka u libera l-utile dominium tal-bicca art fuq imsemmija, jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’ dik il-gurnata, hin u lok li dan il-Bord joghgbu jistabbilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet ta’ l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghall-Skopijiet Pubblici (Kap. 88);

Ra id-dokumenti annessi ma’ l-istess rikors;

Ra ir-risposta ta’ l-istess intimat nomine li biha espona bir-rispett:

Fl-ewwel lok illi l-kumpens gust huwa dak pretiz mill-intimat u mhux dak lilu offrut;

Fit-tieni lok li din l-esproprjazzjoni u l-valutazzjoni tal-kumpens relattiv ghandha titmexxa flimkien ma’ dik fiz-

zewg esproprijazzjonijiet l-ohra ta’ l-artijiet adjacenti ta’ l-istess intimat u dan billi dan huwa territorju wiehed liema proceduri jinsabu pendenti quddiem dan il-Bord fl-atti tal-kawzi fl-istess ismijiet rikors numri 5/99 u 6/99;

Fit-tielet lok illi l-esproprijazzjoni hija lesiva tad-drittijiet fondamentali ta’ l-intimat billi:

a. ma saritx ghall-skop u interess pubbliku, u
b. ma inghatax kumpens adegwat u konfacenti mal-valur ta’ l-art esproprijata;

Fir-raba’ lok l-esponent jirriserva d-dritt ghad-danni minnu sofferti sakemm dan ma jinghatax bhala parti mill-kumpens billi fuq l-art in kwistjoni huwa kien gia ottjena l-permess ghal bini ta’ fabbrika, kien diga` beda ix-xoghlijiet ta’ kostruzzjoni u ma setax ikompli l-istess jew juza l-art bhala fabbrika minhabba l-esproprjazzjoni li intervjeniet;

Ra ir-rikors ta’ l-istess intimat nomine li bih espona bir-rispett li jigi ammess jippresenta l-kontestwali nomine b’ liema formalment ghat-tenur ta’ l-Artikolu 4 tal-Kapitolu 319 u ta’ l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jissoleva l-kwistjoni tal-ksur tad-drittijiet fondamentali tieghu kif spjegat fl-istess nota, kif ukoll id-digriet preliminari moghtija fis-16 ta’ Settembru 1999 u l-iehor sussegwenti moghti fit-2 ta Ottubru 1999;

Ra n-nota annessa ma’ l-istess rikors;

Ra in-nota tar-rikorrenti u dan in risposta ghal dik, gja imsemmija mir-rikorrenti;

Ra l-atti kollha relattivi;

Ikkonsidra:

Illi, preliminarjament, jigi nnotat li l-istess intimat nomine ma ottemperax ruhu ma’ l-ordni in atti, liema ordni

inghatat fuq talba tieghu stess u in rigward dan il-punt, l-istess intimat nomine ghandu jigi mcanfar;

Ikkunsidra:

Illi in rigward il-meritu tat-talba in ezami sabiex issir referenza lill-Qorti kompetenti fuq kwistjonijiet ta’ natura kostituzzjonali dawn il-kwistjonijiet jidhru li huma s-segwenti:

i) allegat ksur tad-dritt fundamentali ta’ l-istess intimat nomine ghat-tgawdija tal-proprjeta` tieghu;

ii) allegata diskriminazzjoni fil-konfront tieghu minhabba trattament differenti fil-konfront tieghu u

iii) allegat ksur tad-dritt tieghu ghas-smiegh xieraq fi zmien ragjonevoli minhabba it-trapass ta’ zmien bejn l-esproprjazzjoni u l-prezentata tar-rikors promotur in ezami u dan kollu kif protetti bl-Artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet fundamentali tal-Bniedem kif introdotta fil-Ligi Maltija bl-Att numru XIV ta’ l-1987 (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Illi minn nota in risposta tal-Kummissarju ta’ l-Artijiet gja citat, jidher li giet sollevata kwistjoni ulterjuri cjoe` jekk dan il-Bord jistax jaghmel referenza fuq il-kwistjonijiet Kostituzzjonali hemm fuq premessi stante li “dan il-Bord ghalkemm tribunal vestit b’ certi poteri, ma huwiex ‘Qorti’”;

Ikkunsidra:

Illi, dan premess, ma hemm ebda dubbju li f’ dan il-kaz, hemm kwistjoni jew kwistjonijiet dwar jekk gewx lesi d-drittijiet kostituzzjonali ta’ l-intimat nomine liema kwistjonijiet jinvolvu l-Artikoli 6 u 4 ta’ l-imsemmija konvenzjoni kif ukoll l-Artikoli 37 (1), 39 (2) u 45 tal-Kostituzzjoni;

Illi, certament, tali kwistjonijiet kostituzzjonali ma jistghux jigu kunsiderati bhala frivoli u vessatorji in vista li jistghu jincidu direttament fuq it-talbiet li dan il-Bord jrid jiddeciedi skond ir-rikorsi promoturi;

Ikkunsidra:

Illi in rigward il-kwistjoni sollevata mir-rikorrenti fis-sens li dan it-Tribunal ossija Bord ma jistax jigi kunsiderat bhala “Qorti” skond kif stipulat fl-Artikoli 46 (3) tal-Kostituzzjoni, ma jidhirx li din it-tezi tar-rikorrenti tista’ tigi accettata. Difatti dan il-Bord hu kostitwit sabiex jiddeciedi mhux kemm kwistjonijiet ta’ fatt izda anke kwistjonijiet ta’ natura legali fl-ambitu tal-Kapitolu 88 citat oltre li hu vestit b’ poteri moghtija lilu fuq bazi gudizzjarja. Inoltre fl-Artikoli 37 (1) (b) ta’ l-istess Kostituzzjoni hemm referenza ghal Tribunal. Ghalhekk jidher li dan il-Bord jista’, anzi hu obbligat li jirreferi kwistjonijiet kostituzzjonali li ma humiex frivoli jew vessatorju lill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali).

Ghaldaqstant jiddeciedi billi jordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex jittrasmetti dawn l-atti lill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) sabiex din il-Qorti tiddeciedi fuq il-kwistjonijiet kostituzzjonali sollevati mill-intimat nomine a bazi ta’ l-Artikolu tal-Kostituzzjoni u Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta’ Malta hawn fuq citati, fin-nota u rikors tieghu a fol. 16 u 17 ta’ l-atti, liema nota u rikors ghandhom jiffurmaw parti integrali ta’ din id-decizjoni.

Bl-ispejjez riservati;

Rat il-verbal tas-7 ta’ Mejju 2001 li permezz tieghu l-kawza thalliet biex jigi dibattut il-punt legali jekk il-Bord in kwistjoni jistax skond il-Kostituzzjoni jaghmel referenza kostituzzjonali;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni tad-difensur ta’ l-intimat *nomine* dwar dan il-punt preliminari, maghmula fl-udjenza ta’ l-4 ta’ Gunju 2001; f’ liema udjenza wkoll l-kawza thalliet ghas-sentenza preliminari;

Rat in-Nota responsiva tar-rikorrenti Kummissarju ta’ l-Artijiet ta’ l-14 ta’ Gunju 2001;

Rat l-atti kollha tal-process;

Ikkonsidrat:-

Il-meritu involut hawnhekk jitratta minn kwestjoni ta' riferenza lil din il-Qorti tal-punt kostituzzjonali u konvenzjonali sollevat mill-intimati fil-proceduri quddiem il-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet (Rikors Nru. 9/98). Punt dan li rceva l-adezjoni ta' dak il-Bord fil-pronunzjament tieghu tat-13 ta' Ottubru 2000, kif fuq espost;

L-antecedenti li wasslu ghal din ir-riferenza huma dawn:-

1. Bir-rikors tieghu prezentat fl-10 ta' Marzu 1998 il-Kummissarju ta' l-Artijiet talab lill-Bord adit biex dan jordna t-trasferiment lilu b' xiri assolut ta' l-utile dominju perpetwu tal-bicca art f' San Gwann hemm deskritta u, inoltre, biex jigi stabbilit il-kumpens relattiv taghha;

2. Fir-risposta tieghu l-intimat *nomine* issoleva, *inter alia*, l-eccezzjoni illi l-esproprijazzjoni hi lesiva tad-drittijiet fundamentali tieghu. Eccezzjoni din li giet minnu aktar tard amplifikata permezz ta' Nota;

3. Fiha allega ksur tad-dritt fundamentali ghat-tgawdija tal-proprjeta` tieghu, diskriminazzjoni minhabba trattament differenti fil-konfront tieghu, u vjolazzjoni tad-dritt tas-smiegh xieraq fi zmien ragonveoli minhabba t-trapass twil taz-zmien;

4. Kif gja nghad il-Bord akkorda r-riferenza mitluba wara li kkonsidra illi l-kwestjonijiet imqanqla, in vista li jincidu direttament fuq it-talbiet li jridu jigu decizi, ma kienux frivoli u vessatorji, u wara li kkonsidra wkoll illi riferenza bhal din setghet issir minnu fit-terimini ta' l-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni;

Avvenuta din ir-riferenza r-rikorrenti Kummissarju ta' l-Artijiet issolleva l-pregudizzjali illi l-ordni ta' riferenza tiddifetta fuq zewg binarji:-

(a) in-nullita` taghha stante li, kemm skond l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni kif ukoll skond l-Artikolu 4 ta' l-Att XIV ta' l-1987, riferenza bhal din setghet issir biss minn "qorti" u l-Bord adit la ghandu dritt jittratta kwestjonijiet ta' indoli kostituzzjonali u wisq anqas li jirreferihom lil xi Qorti ohra;

(b) f’ kull kaz, il-Bord naqas li jikkonsidra kif jixraq il-kwistjoni dwar jekk il-kwestjonijiet sollevati humiex merament frivoli u vessatorji;

Huma proprju dawn iz-zewg problematici li din il-Qorti ser tghaddi biex tinvesti, una volta irrizultalha illi l-ordni ta' riferenza saret konformement mar-Regola numru 5 ta' l-1993 dwar il-Prattika u l-Procedura tal-Qrati (Avviz Legali 35/1993);

Issa s-subinciz (3) ta' l-Artikolu 46 tal-Kostituzzjoni jipprovdi illi "jekk f' xi procedura f' xi qorti li ma tkunx il-Prim' Awla tal-Qorti Civili jew il-Qorti Kostituzzjonali tqum xi kwestjoni dwar il-ksur ta' xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-imsemmija artikoli 33 sa 45 (maghdudin), dik il-qorti ghandha tibghat il-kwistjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Civili kemm-il darba fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwistjoni ma tkunx semplicement frivola jew vessatorja ...";

Is-subinciz (3) ghall-Artikolu 4 ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea hu koncepit tista’ tghid f’ dawn l-istess termini;

Ta' essenza f' dawn is-subincizi huma dawn ir-riflessjonijiet:

I. Il-kwestjoni kostituzzjonali jew konvenzjonali kellha tkun materjalment u ntrinsikament konnessa mal-meritu pendenti quddiem il-qorti li tkun ghamlet ir-riferenza. Li jfisser li r-riferenza kellha tirrifletti bi precizjoni l-kwestjoni li tkun qamet quddiemha u li fil-fehma taghha t-tqanqil tal-kwestjoni ma kienx sempliciment frivolu jew vessatorju;

II. Ma huwiex precizament il-parti li taghzel it-triq ta' riferenza. Dan ghaliex il-kwestjoni kostituzzjonali tista' titqajjem ukoll mill-qorti adita oltre milli mill-partijiet. Kif rilevat fis-sentenza "**Edgar Blundell *et* -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**", Qorti Kostituzzjonali, 20 ta' Marzu 2000, "una volta dik il-qorti tikkonstata l-kwestjoni kostituzzjonali li tqanqlet ma kinitx wahda sempliciment frivola u vessatorja, hi kienet marbuta li taghmel ir-riferenza u dan indipendentement mill-volonta` tal-kontendenti. Riferenza essenzjali biex hi tkun tista' tiddetermina l-kwestjoni kostituzzjonali involut fil-meritu quddiemha. Riferenza li *stricto jure* hi kienet obbligata li taghmel allura anke fil-kaz ta' opposizzjoni tal-partijiet jew ta' xi wahda minnhom";

III. Il-kelma "qorti" riferenzjata f' dan is-subinciz [Artikolu 46 (3)] hi mfissra fl-Artikolu 47 bhala komprensiva ta' "kull qorti li ma tkunx qorti mwaqqfa bi jew skond ligi dixxiplinarja u fl-artikoli 33 u 35 ta' din il-Kostituzzjoni tinkludi, dwar reat kontra ligi dixxiplinarja qorti hekk imwaqqfa";

It-tezi evokata mill-Kummissarju ta' l-Artijiet hi fis-sens illi l-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet mhuwiex qorti kemm ghaliex dan ghandu gurisdizzjoni limitata u dippju ma huwiex inkwadrabbli fit-tifsira ta' "Qorti" skond il-Kostituzzjoni u l-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Wiehed necessarjament jifhem illi l-invokazzjoni

ghal dan l-ahhar imsemmi Kodici qed issir b' referenza espressa ghall-Artikolu 2, 3 u 4 tieghu;

Minn dak ricerkat minn din il-Qorti jidher li fuq din it-tematika jezistu zewg veduti distinti u kontrastanti. Hemm dik li ssostni l-interpretazzjoni ristretta tal-kelma "qorti" b' mod li ma tippermettix estensjoni tas-sinjifikat taghha. B' kuntrast hemm dik li tirritjeni illi t-terminu "qorti" ghandu jigi kkunsidrat fis-sens wiesgha b' mod li tinkludi kull forma ta' tribunal fejn tigi amministrata l-gustizzja;

Dawn iz-zewg veduti ghandhom il-fonti gurisprudenzjali taghhom;

Pertinenti ghas-sostenn ta' l-ewwel veduta nterpretattiva hi d-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-28 ta' Gunju 1983 fl-ismijiet "**Il-Pulizija -vs- Emanuel Vella**", f' liema it-Tribunal ghall-Kontroll tal-Prezzijiet kien ghamel referenza tal-kwestjoni kostituzzjonali lill-Prim' Awla tal-Qorti Civili;

Fir-revoka li ghamlet ta' l-interpretazzjoni larga adoperata mill-Prim' Awla, il-Qorti Kostituzzjonali sostniet illi "d-decizjoni turi bic-car illi minn fassal il-Kostituzzjoni wara li ddistingwa bejn 'qorti' u 'tribunal' u 'awtorita` ohra gudikanti', kompla jaghmel din id-distinzjoni meta ddefinixxa l-kelma 'qorti' billi ma nkludiex fiha la tribunal u lanqas awtorita` ohra gudikanti, kif kien ikun wisq naturali jaghmel kieku ried jaghti lill-kelma 'qorti' sinjifikat estensiv b' mod li tinkludi wkoll 'tribunal' jew 'awtorita` ohra gudikanti'. Din il-Qorti, ghalhekk ma tistax taqbel ma' dak li qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata li l-kelma 'qorti' tinkludi kull forma ta' tribunal jew post fejn il-gustizzja tigi amministrata";

Ziedet taggungi illi "l-Kostituzzjoni qeghda tikkontempla zewg xorta ta' Qrati - il-Qrati Superjuri u l-Qrati Inferjuri ... u allura jidher car illi min ghamel il-Kostituzzjoni bil-kelma 'Qorti' ried jifhem biss 'Qorti Superjuri' jew 'Qorti Inferjuri' u li l-Qrati Superjuri jkunu komposti minn Imhallfin u l-Qrati Inferjuri minn Magistrati, u minn hadd izjed, u dan

konformement ghal dak li kien hemm diga` provvdut fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili kif ukoll fil-Kodici Kriminali ...";

Favur l-argoment sostenut mir-rikorrenti hemm imbaghad din l-osservazzjoni kaptata mid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell tas-16 ta' Gunju 1947 fil-kawza fl-ismijiet "**Victor Mifsud -vs- Lt. Col. Edward George Carter *nomine***" (**Vol. XXXIII P I p 122**):

"Il-Boards kollha, ta' kwalunkwe natura jkunu, anki jekk ikollhom funzjonijiet semi-gudizzjarji, bhal ma huma l-Emergency Compensation Board, huma dejjem emanazzjoni tal-Poter Ezekuttiv, u mhux parti ta' l-organament gudizzjarju, cjoe tal-Qrati. U ghalhekk il-gurisdizzjoni taghhom hija limitata skond l-istatut kreativ taghhom, u ma tistax teccedi dak il-limiti."

Fuq dan l-aspett din il-Qorti tixtieq taghmel din il-parentesi. Huwa ben not illi mid-data ta' din is-sentenza, partikolarment fir-Renju Unit, kienu bosta t-tentattivi li saru biex tigi ahjar mistharrga n-natura tat-tribunali fl-aspetti multiformi taghhom;

Jista' jinghad illi l-kummentaturi fuq is-suggett ikkonkorrew sew biex fil-qafas tal-materja minnhom ezaminata jadottaw filosofija aggornata dwar il-funzjoni tat-tribunali. Hekk **Wraith u Hutchesson** ("**Administrative Tribunals**", 1973, pagna 222) bil-konsegwiment ta' l-hekk imsejjah "*fundamental approach*" jtennu illi "*they occupy a large part of the spectrum at one end of which is the everyday administrative decision taken in an office and at the other end a judicial decision by a court.*" Il-Bord in ezami jaqa' certament fl-ahhar kategorija;

It-trattisti jsostnu wkoll illi ma tezisti l-ebda distinzjoni netta u preciza bejn qorti u tribunal in kwantu spiss drabi fit-tnejn ghandek "*permanent existence*" u "*both hear and determine a dispute*". Ara a propozitu **Farmer - "Tribunals and Government"**, pagna 166;

Kif ipprecizat fis-sentenza fl-ismijiet "**Costantino Consiglio *et* -vs- Kavallier Joseph N. Tabone *nomine***", Qorti Kostituzzjonali, 11 ta' Awissu 2000:

"*A Tribunal is characterised in the substantive sense of the term by its judicial function. That is to say determining matters within its competence on the basis of rules of law and after proceedings conducted in a prescribed manner ... It must also satisfy a series of further requirements - independence in particular of the executive, impartiality, duration of its members terms of office, guarantees afforded by its procedure - several of which appear in the text of Article 6(1) of the Convention itself.* ("**Belilos -vs- Switzerland**", A 132 para 64 (1988); "**H. -vs- Belgium**", A 127 - B para 50 (1987)";

Rigwardat fil-parametri ta' dawn ir-rekwiziti essenzjali l-Bord in diskussjoni certament jista' jitqies li jikkwalifika. Dan huwa indott minn indagini ta' whud mid-disposizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kapitolu 88);

(1) Il-Bord hu kostitwit minn Chairman mahtur mill-President. Ic-chairman ikun persuna li jkollha jew kellha l-kariga ta' mhallef jew persuna li jkollha l-kariga ta' magistrat - Artikolu 23. F' dan il-kaz, kif saput, il-Bord hu presjedut minn Magistrat tal-qrati inferjuri. Kariga din preskritta fl-Artikolu 100 tal-Kostituzzjoni u ghal liema japplikaw ukoll is-subincizi (2) u (3) ta' l-Artikolu 97 ta' l-istess Kostituzzjoni;

(2) Il-Bord ghandu l-istess setghat illi ghandha l-Prim' Awla tal-Qorti Civili skond il-ligi u japplikaw ghalih, sa fejn jghoddu, id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili - Artikolu 25(2)(a);

(3) Il-Bord ghandu s-setgha decizorja dwar kull wahda mill-materji elenkati fl-Artikolu 25(1), kompriz li jordna l-ezekuzzjoni tad-decizjonijiet tieghu (para f);

Premess dan li ghadu kif gie accennat, ir-riljievi maghmula certament inehhu kwalunkwe validita` fl-argoment illi l-Bord partikulari adit ma ghandux jitqies hu wkoll "qorti" entro t-tifsira moghtija lil din il-kelma mill-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni;

Proprju f' sentenza recensjuri moghtija minn dina l-Qorti fid-19 ta' Gunju 2003, fil-kawza "**Kummissarju ta' l-Art -vs- Violet Briffa *et***", u fejn il-fattezzi rilevanti taghha jixbhu lill-kaz prezenti, l-Onor. Imhallef Joseph R. Micallef affronta d-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza gja citata "**Il-Pulizija -vs- Emanuel Vella**' b' din il-kritika. Huwa jsostni illi l-bixra ta' hsieb f' dik id-decizjoni thalli barra dawk il-korpi mwaqqfa bl-operat ta' ligi specjali u li ma jissemmewx espressament fl-artikoli relattivi tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew tal-Kodici Kriminali;

L-Imhallef sedenti jirposa mbaghad l-gudizzju tieghu dwar il-validita` ta' l-ordni ta' riferenza mill-Bord fuq dawn il-konsiderazzjonijiet:

(i) Mhuwiex l-isem wahdu moghti lil tribunal partikolari li jaghmlu "qorti" jew "mhux qorti". Wiehed ghandu necessarjament ihares lejn il-funzjonijiet jew kriterji ewlenin li korp moghti is-setghat li jiggudika ghandu jew huma mil-ligi moghti li jkollu;

(ii) B' rivizita ta' xi decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali (**Vol. LXXX P I p 187** u **Vol. LXXXI P I p 112**) ikompli jafferma li l-kriterji li jwasslu biex korp jitqies "qorti" huma: (a) is-setgha li jiggudika b' mod li jorbot lill-partijiet u li l-gudizzju ma jistax jinbidel minn xi awtorita` mhux gudizzjarja; (b) is-setgha li jiddisponi minn xi materja li tirrigwarda dritt civili jew akkuza kriminali fir-rigward ta' xi persuna; (c) is-setgha li jaghmel determinazzjoni legali fir-rigward tar-responsabilita civili jew kriminali kif tohrog minn fatti mressqin quddiemu; u (d) jkollu l-attributi ta' organu ta' gudikatura bhala wiehed mill-poteri ta' l-Istat;

Diversament, kif taraha din il-Qorti jekk tribunal ma jirrivestix fih dawn il-karatteristici u ma ghandux gurisdizzjoni shiha jew poter direttament deciziv fid-determinazzjoni ta' xi jedd jew obbligu civili ma jistax allura jkollu sembjanza ta' "qorti". Ara a propozitu f' dan il-kuntest decizjonijiet tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "**Rose Anne Galea -vs- L-Onor. Prim Ministru *et***", 11 ta' April 1995; "**Antoine Tagliaferro *et* -vs- Onor. Prim Ministru**", 21 ta' Frar 1996; "**Marthese Azzopardi -vs- Maltacom plc**", 11 ta' Awissu 2000 u dik gja referenzjata fl-ismijiet "**Constantino Consiglio *et* -vs- Kavallier Joseph N. Tabone *nomine***", 11 ta' Awissu 2000;

(iii) Meta wiehed jifli sewwa t-tifsira ta' "qorti" fl-artikolu korrispondenti tal-Kostituzzjoni wiehed isib illi l-eccezzjoni ewlenija tolqot biss il-kaz ta' "qorti mwaqqfa bi jew skond ligi dixxiplinarja". Konsegwentement id-deduzzjoni ghandha tkun illi d-definizzjoni ma tnehhix mit-tifsira taghha qorti, tribunal jew awtorita` gudizzjarja mahluqa bi jew skond xi ligi li mhix ligi dixxiplinarja;

(iv) Il-konsegwenza ta' dan kollu hi illi l-Bord ta' l-Arbitragg dwar l-Artijiet jissodisfa l-kriterji traccjati fuq u allura ghandu jikkwalifika bhala "qorti" a sensu tad-definizzjoni fil-Kostituzzjoni u ghall-finijiet ukoll tal-Konvenzjoni;

Din il-Qorti ma ssibx raguni guridikament serja biex tiddipartixxi minn dawn il-kostatazzjonijiet u gudizzju tal-materja ezaminata;

In sostenn ta' l-adozzjoni ta' din il-konkluzjoni l-Qorti hi gwidata wkoll mill-awtorita` accennata ta' l-opinjonijiet ta' kummentaturi akkreditati fuq is-suggett tat-tribunali u d-diversita` taghhom, ir-rabta li tezisti bejn dan it-tribunal specjali u qorti u l-perswazzjoni responsabbli taghha ta' l-interpretazzjoni li tpoggi fuq it-test tal-ligi. Dan qed jinghad biex jirrendi car li l-konkluzzjonijiet ta' din il-Qorti mhumiex semplici riflessjoni awtomatika ta' dik is-sentenza;

Forsi hu konsentit ukoll ghal dak li hu valevoli li l-Qorti taghmel dawn l-osservazzjonijiet agguntivi fil-kaz partikolari:-

(A) Il-Bord ghandu tista' tghid funzjoni esklussivament gudikanti ghall-iskop u objettiv tar-rizoluzzjoni tal-kontroverja tal-kaz konkret, fil-harsien u l-garantigi ta' l-elementi procedurali tal-kontradittorjeta` u ta' l-imparzjalita` tipici tal-gurisdizzjoni civili ordinarja;

(B) Hu presjedut minn arbitru ritwali kostituzzjonalment kwalifikat u protett u li ma jiddependix ghas-"*security of tenure*" tieghu mill-Ezekuttiv. Huwa ghalhekk ukoll bhal kull gudikant iehor f' posizzjoni "*super partes*";

(C) Taht dan il-profil il-gudizzju tieghu ma jiddeferenzjax ruhu minn dak zvolt quddiem l-organi gurisdizzjonali stabbiliti fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili, anke ghal dak li jirrigwarda r-ricerka u l-interpretazzjoni tan-normi applikabbli, salv u eskluz dawk l-aspetti incidentali prevvisti skond l-Artikolu 26 tal-Kapitolu 88;

Fic-cirkostanzi partikolarli tal-kaz prezenti din il-Qorti, bhal dik l-ohra, ma taccettax l-interpretazzjoni ristrettiva li r-rikorrenti jaghti lil dan it-tribunal specjali. Anzi jidhrilha li din ghandha tkun konformi mal-hsieb espress li jiffavorixxi l-interpretazzjoni allargata fis-sentenza referenzjata u ampjament trattata;

B' kumment *en passant* din il-Qorti hi tal-ferma opinjoni illi wasal iz-zmien illi f' materji bhal dawn ko-involgenti d-drittijiet fundamentali tal-bniedem ghandu jispicca l-intralc zejjed precipitat minn interpretazzjonijiet rigidi u stretti ta' l-ittra preciza tal-ligi; u formalitajiet procedurali esasperanti. Dak li invece ghandu dejjem wiehed jaspira ghalih, jirricerka, jezamina u jaghti risalt huwa s-sostanza tal-kaz konkret u li jigi assikurat illi, kif iridu r-Regoli (A.L. 35 ta' l-1993), "il-procedimenti ma jigux imtawla

irragjonevolment". Dan dejjem bl-animu ispiratur illi l-protezzjoni invokata tigi garantita, imharsa u trattata b' mod mill-aktar liberali u espedit;

Kif gja aktar il fuq espost, ir-rikorrenti llanja wkoll mill-fatt illi l-Bord naqas milli japprofondixxi l-indagini jekk it-tqanqil tal-kwestjoni kienx jew le "sempliciment frivolu jew vessatorju". Frazi din konsiderata *funditus* mill-Qorti Kostituzzjonali fid-decizjonijiet "**Alan Mifsud -vs- Avukat Generali *et*** ", 23 ta' Novembru 1990; "**Joseph Ciantar *et* -vs- Onor. Prim Ministru**", 10 ta' Mejju 1995 u "**Mario Azzopardi -vs- Registratur tal-Qorti**", 17 ta' Jannar 1996, fost ohrajn;

Issa hu minnu illi l-Bord filwaqt li ma abdikax mill-kompitu tieghu li jezamina l-kwestjoni ma tantx imbaghad dahal fil-qalba tal-materja; anzi, illimita ruhu ghas-semplici kumment li l-kwestjonijiet kostituzzjonali ma setghux jitqiesu frivoli u vessatorji in kwantu dawn "jistghu jincidu direttament fuq it-talbiet li dan il-Bord irid jiddeciedi skond ir-rikorsi promoturi";

Fir-rigward, l-obbjezzjoni tar-rikorrenti hi fis-sens illi l-Bord kellu jikkonsidra l-meritu tal-kwestjonijiet sollevati ghal fini tad-determinazzjoni tal-frivolezza jew vessatorjeta tal-kwestjonijiet u mhux merament jikkonsidrahom fl-astratt;

Ghal din l-obbjezzjoni id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali fl-ismijiet "**Il-Pulizija -vs- Souhail Al Salim**", 4 ta' Mejju 1999 tipprovdi dawn ir-risposti:-

1. Il-ligi ma timponix fuq il-qorti li taghmel ir-riferenza xi formola sagramentali dwar kif tesprimi l-fehma taghha illi l-kwestjoni mqanqla ma kinitx semplicement frivola jew vessatorja;

II. Kien bizzejjed li mill-atti ta' riferenza jkun jidher car illi l-ewwel Qorti ma qiesetx il-materja mqanqla u riferita kienet wahda semplicement frivola jew vessatorja;

III. In-nuqqas ta' kjarezza fid-dicitura uzata fid-digriet ta' riferenza ma kellhiex wahedha twassal ghan-nullita` ta' l-istess riferenza jekk mill-assjem ikun car li l-Qorti li ghamlet riferenza kienet hekk ghamlet wara li qieset il-materja tal-frivolezza jew vessatorjeta`;

IV. Filwaqt li l-qorti li tikkonsidra kwistjoni kostituzzjonali imqanqla quddiemha skond is-subinciz (3) ta' l-Artikolu 46 kellha d-dover tindaga u tiddeciedi jekk dik il-kwestjoni kinitx jew le semplicement frivola jew vessatorja, hi ma kinitx obbligata li taghti raguni ghaliex kienet qed taghmel ir-riferenza lill-Prim' Istanza. Dan fis-sens li kellu jkun ovvju li jekk issir tali riferenza dan kellu necessarjament ifisser li dik il-qorti li ghamlet ir-riferenza kienet sodisfatta, wara li ghamlet dak li l-Kostituzzjoni kienet timponi fuqha li taghmel, li l-kwistjoni sollevata ma kinitx semplici frivola jew vessatorja. Fil-fehma ta' din il-Qorti allura, anke jekk hija desiderabbli, ma kienx mehtieg *ad validitatem* illi tali dikjarazzjoni tan-non-frivolezza u non-vessatorjeta` ssir espressament fid-digriet ta' riferenza ghax kien naturalment sottintiz fil-fatt stess li tkun saret ir-riferenza;

Dawn ir-riflessjonijiet ghandhom iwiegbu sew il-kritika tar-rikorrenti in subjecta materja u allura, fil-verita`, kull kumment ulterjuri li tista' taghmel din il-Qorti jkun zejjed u superfluwu;

Fic-cirkostanzi l-istess osservazzjonijiet, li din il-Qorti qed tadotta u taghmel taghha, inehhu kwalunkwe validita` fl-argoment sottomess mir-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-pregudizzjalijiet sollevati mill-Kummissarju ta' l-Artijiet fir-rigward ta' l-ordni ta' riferenza li saret lil din il-Qorti mill-Bord ta' l-Arbitragg dwar Artijiet billi tichad l-istess u ghalhekk tqis ir-riferenza lil din il-Qorti

maghmula mill-imsemmi Bord konformi ma' dak dispost fl-Artikolu 46 (3) tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 4 (3) ta' l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319 tal-Ligijiet ta' Malta);

Tordna konsegwentement li l-atti jissoktaw bit-trattazzjoni u decizjoni ta' l-allegati vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali mqanqla mill-intimat *nomine*, riferenzjati lil din il-Qorti.

L-ispejjez ta' dan l-incident jibqghu rizervati ghal gudizzju finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------